MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-6 ta' Diċembru, 2017

Rikors Maħluf Numru: 995/16LM

**Ian Charles Tonna (karta tal-identità numru 487489M)**

***vs.***

**Muscats Motors Limited (C420)**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attur **Ian Charles Tonna** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), ippreżentat fl-1 ta' Novembru, 2016, li jgħid:

1. *Illi permezz ta' ftehim tad-29 ta' Jannar, 2016, ir-rikorrent xtara vettura ġdida tal-marka Range Rover Evoque Estate bin-numru tar-reġistrazzjoni*

*CCE 787 mingħand is-soċjetà intimata għall-prezz ta' erbgħa u erbgħin elf u ħames mitt euro (€44,500);*

2. *Illi l-vettura ġiet irreġistrata fit-28 ta' April, 2016 u kkonsenjata lir-rikorrent fit-2 ta' Mejju, 2016;*

3. *Illi r-rikorrent ħallas ukoll is-somma ta' mitejn u għaxar euro (€210.00) għar-reġistrazzjoni u liċenzja tal-imsemmija vettura;*

4. *Illi proprju l-għada li l-vettura ġiet ikkonsenjata lir-rikorrenti xegħel is-sinjal tal-engine warning u r-rikorrent ħa l-vettura għand is-soċjetà intimata, li identifikat fault fin-nitrogen sensor, liema sensor tbiddel fil-11 ta' Mejju, 2016 u l-vettura ġiet ritornata lir-rikorrent;*

5. *Illi sussegwentement proprju nhar is-Sibt 21 ta' Mejju, 2016, reġa' xegħel is-sinjal tal-engine warning kif ukoll dak ta' restricted performance f'liema punt il-vettura ma kinitx qed tiffunzjona tajjeb u minn dak il-punt il-vettura ddaħħlet darbtejn oħra għand is-soċjetà intimata, fit-23 ta' Mejju, 2016, fejn il-vettura damet għandhom għal perijodu ta' erba' ġimgħat u fil-25 ta' Lulju, 2016 fejn il-vettura ġiet ritornata lir-rikorrent wara seba' ġimgħat u nofs, bis-soċjetà intimata kull darba tassigura lir-rikorrent li d-difetti riskontrati fil-vettura kienu ġew rimedjati;*

6. *Illi minkejja li saru diversi testijiet u tiswijiet fuq il-vettura mis-soċjetà intimata, il-vettura għadha ma tiffunzjonax tajjeb u fil-fatt is-sinjal tal-engine warning kif ukoll dak ta' restricted performance reġgħu xegħlu fil-15 ta' Ottubru, 2016, erba' ġimgħat wara li l-vettura ġiet ritornata lir-rikorrent mingħand is-soċjetà intimata;*

7. *Illi l-vettura ġiet spezzjonata mis-soċjetà intimata għall-aħħar darba fis-27 ta' Ottubru, 2016 fejn ir-rappreżentanti tas-soċjetà intimata inkluż il-persuni tekniċi infurmaw lir-rikorrent li ma kinux f'pożizzjoni jidentifikaw x'kienet il-problema;*

8. *Illi jirriżulta bl-aktar mod lampanti li l-vettura hija aflitta minn difett latenti u gravi li jirrendiha mhux tajba għall-użu li għalih inxtrat mir-*

*rikorrent, b'mod li l-vettura għamlet aktar żmien għand is-soċjetà intimata għat-testijiet u tiswijiet, milli għamlet titgawda mir-rikorrent;*

9. *Illi tali difett għalhekk jagħti lok għall-eżerċizzju tal-actio redhibitoria da parti tar-rikorrent;*

10. *Illi r-rikorrent talab lis-soċjetà intimata sabiex jirritorna l-vettura u jieħu lura l-flus li ħallas għaliha iżda s-soċjetà intimata dejjem insistiet mar-rikorrent li l-vettura kellha tissewwa;*

11. *Illi minkejja li ġiet interpellata sabiex tirregola l-pożizzjoni tagħha, s-soċjetà intimata baqgħet inadempjenti;*

12. *Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors l-imsemmija vettura ġiet iddepożitata taħt l-awtorità ta' din l-Onorabbli Qorti;*

13. *Illi r-rikorrent jaf b'dawn il-fatti personalment;*

14. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara li jeżistu difetti moħbija u latenti fil-vettura Range Rover Evoque Estate bin-numru ta' reġistrazzjoni CCE 787.*

2. *Konsegwentement tordna r-rexxissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ tal-vettura mis-soċjetà intimata lir-rikorrent.*

3. *Tordna lis-soċjetà intimata tieħu lura l-vettura tal-marka Range Rover Evoque Estate bin-numru tar-reġistrazzjoni CCE 787 u tirrifondi lir-rikorrent l-ammont ta' erbgħa u erbgħin elf u ħames mitt euro (€44,500) flimkien mas-somma ta' mitejn u għaxar euro (€210.00) imħallsa mir-rikorrent għar-reġistrazzjoni u liċenzja tal-vettura;*

4. *Tordna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrent għall-ispejjeż inkorsi minnu in konnessjoni mad-depożitu tal-vettura taħt l-awtorità ta' din l-Onorabbli Qorti u għall-assikurazzjoni tal-istess vettura fil-mori ta' dawn il-proċeduri.*

> *Bl-ispejjeż u bl-interessi legali mid-data tan-notifika lis-soċjetà intimata ta' dawn il-proċeduri sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjetà intimata li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.*[1]

Rat illi s-soċjetà konvenuta **Muscat Motors Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") għalkemm kienet debitament notifikata bir-Rikors Maħluf fid-9 ta' Novembru, 2016[2], ma ppreżentat ebda risposta maħlufa u għalhekk għandha titqies li hija kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta' April, 2017 fejn ġie maħtur John Sciberras bħala Espert Tekniku biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attriċi.

Rat ir-rapport tal-Espert Tekniku John Sciberras ippreżentat fit-22 ta' Settembru, 2017.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-attur.

Rat id-dokumenti in atti li ġew esebiti mill-attur.

---

[1] Ġew esebiti mar-Rikors Maħluf, kopja tal-ftehim tax-xiri tal-vettura datat 29 ta' Jannar, 2016, *a fol.* 6 sa 10, kopja tal-*log book* tal-vettura, *a fol.* 11 u 12, u kopja tal-iriċevuti tal-ħlas tal-prezz tal-vettura, *a fol.* 13 sa 15.
[2] Ara *fol.* 17.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Ottubru, 2017 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza u fejn l-attur ingħata l-fakultà li jippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu u anki s-soċjetà konvenuta ngħatat il-possibbiltà li tippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tagħha a tenur tal-artikolu 158(10) tal-Kap. 12.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

B'din l-azzjoni l-attur qed jitlob għar-rexxissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ tal-vettura Range Rover Evoque Estate, numru tar-reġistrazzjoni CCE-787, minħabba difetti moħbija li rrendew l-istess vettura mhux idonea għas-sewqan, l-*actio redhibitoria,* u għar-rifużjoni tal-prezz imħallas inkluż l-ispejjeż konsegwenzjali għar-reġistrazzjoni u għal-liċenza tal-vettura u għall-assigurazzjoni tal-istess vettura u spejjeż oħra rigward iċ-ċedola ta' depożitu tal-istess vettura u ħlas għaż-żamma tal-vettura mill-konsenjatarju, u għar-ritorn tal-istess vettura lis-soċjetà konvenuta, flimkien mal-ispejjeż tal-kawża u bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv.
Is-soċjetà konvenuta baqgħet kontumaċi billi ma rrispondietx għat-talbiet tal-attur u ma dehritx għas-seduti quddiem din il-Qorti u quddiem l-Espert Tekniku.

## Provi u riżultanzi

L-attur **Ian Charles Tonna** fl-affidavit tiegħu jispjega[3] li kien ordna l-vettura ġdida Range Rover Evoque Estate fid-29 ta' Jannar, 2016 u fit-28 ta' April, 2016 ġiet irreġistrata bin-numru CCE-787 u ħadha mingħand is-soċjetà konvenuta fit-2 ta' Mejju, 2016. L-għada stess xegħlilha s-sinjal tal-*engine check* u minħabba x-xogħol tiegħu, kien ħadha lura għand is-soċjetà konvenuta fil-5 ta' Mejju, 2016. Il-*master technician* tas-soċjetà konvenuta, ċertu Daniel, ammetta miegħu li dan kien difett li kellhom dawn il-vetturi u kellu bżonn li jinbidel in-*nitrogen sensor* u wara li ordnawh, bidlulu dan is-*sensor* fil-11 ta' Mejju, 2016 u kienu assigurawh li l-problema kienet solvuta. Iżda fil-21 ta' Mejju, 2016 reġa' xegħel l-*engine check,* u meta kien sejjer bil-karozza r-*repair centre* tas-soċjetà konvenuta, kien xegħel ukoll is-sinjal tar-*restricted performance.*[4] Din id-darba kien kellem *technician* ieħor tas-soċjetà konvenuta, ċertu Alex, u dan qallu li l-problema kienet minħabba *blockage* li kien qed jiġi kkawżat minn ċerti emissjonijiet u dan kien issuġġerilu li jaċċellera meta jiġri hekk biex jeħles mill-*blockage.* Imma dakinhar stess, minkejja li huwa kien segwa l-istruzzjonijiet li tawh, kienu xegħlulu l-istess żewġ sinjali. L-attur ħa l-vettura lura għand is-soċjetà konvenuta fit-23 ta' Mejju, 2016 u dawn kienu żammewha erba' ġimgħat għat-testijiet. Sadanittant huwa kien baqa' in kuntatt mal-*Aftersales Services Manager* tas-soċjetà konvenuta Fiona Nind, li qaltlu fil-preżenza tal-ġenituri tiegħu li s-soċjetà konvenuta kienet qed tibgħat id-*data* tat-

[3] *A fol.* 21 sa 24.
[4] L-attur esebixxa kopja tal-*user manual* tal-vettura, *a fol.* 25 sa 28.

testijiet lill-kumpannija tal-Land Rover. Fl-20 ta' Ġunju, 2016 mis-soċjetà konvenuta kienu qalulu li l-vettura kienu sewwewha. Meta fil-25 ta' Lulju, 2016 kienu reġgħu xegħlu l-istess żewġ sinjali, għal darb'oħra s-soċjetà konvenuta kienu żammewha għal aktar testijiet, din id-darba għal seba' ġimgħat u nofs. Fl-24 ta' Awwissu, 2016 l-attur fil-preżenza tal-ġenituri tiegħu, kellu laqa' ma' Fiona Nind u l-General Manager tas-soċjetà konvenuta Henry Scicluna, fejn talabhom flusu lura u Scicluna kien qallu li kienu qegħdin jagħmlu xi testijiet flimkien mad-ditta tal-Land Rover u jekk ma jsolvuwx il-problema, hu seta' jfittex lil dik id-ditta. L-attur min-naħa tiegħu qalilhom li r-relazzjoni li kellu kienet mas-soċjetà konvenuta mingħand min kien xtara l-vettura.

L-attur jispjega li sussegwentement Scicluna u Nind infurmawh li l-ECU tal-vettura kien *corrupted* u bidluhulu u anki kellha tinbidel il-PMC *system* u meta staqsa lil jekk il-vettura jerġa' jiġrilha l-istess kinux jagħtuh flusu lura, il-*General Manager* Henry Scicluna assigurah li jagħtuh rimedju iżda dan irrifjuta li din l-assigurazzjoni jagħtihielu bil-miktub.

L-attur ippreżenta kopja tal-ittra legali li kienet bagħtet l-avukat tiegħu lis-soċjetà konvenuta fil-5 ta' Settembru, 2016[5] u tal-iskambju ta' *e-mails* li kien sar bejniethom.[6] Fil-15 ta' Ottubru, 2016 il-problema baqgħet tippersisti għax reġgħu xegħlu kemm l-*engine warning* u kemm ir-*restricted performance*. Wara spezzjoni fuq il-vettura ta' siegħa u nofs li impjegati

[5] *A fol.* 29.
[6] *A fol.* 30 sa 33.

tas-soċjetà konvenuta reġgħu għamlu fis-27 ta' Ottubru, 2016, dawn ammettew miegħu u quddiem missieru li għalkemm bidlulu ħafna partijiet mill-magna, ma setgħux isibu tarf tal-problemi. L-attur jgħid li mis-soċjetà konvenuta kellhom jibagħtulu rapport li qatt ma wasal u lanqas baqgħu jirrispondu għall-ittri li hu u l-avukat tiegħu kienu jibagħtulhom. Għalhekk l-attur kien kostrett li jiftaħ din il-kawża u kellu jiddepożita l-vettura taħt l-awtorità tal-Qorti.

L-attur ippreżenta wkoll kopja tal-*warranty booklet,* tal-*extended warranty booklet,* tal-polza tal-assigurazzjoni[7], tal-*manual* tal-vettura, tal-*quick start drive* tal-vettura u kopja tal-*emails* skambjati mar-rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta.[8]

Missier l-attur **Anthony Tonna**[9] u ommu **Mariae Tonna**[10] kkonfermaw dak li qal l-attur fix-xhieda tiegħu fir-rigward ta' dak li ntqal jew seħħ fil-preżenza tagħhom.

Dwar l-ispejjeż li inkorra, l-attur esebixxa kopja tal-irċevta tad-depożitu ta' €2,000 li kien ħallas fuq il-vettura[11], kopja tal-irċevuti tal-ħlasijiet sussegwenti li huwa għamel[12] fl-ammonti ta' €500, €20,000 u €22,000 għas-somma totali ta' €44,500, il-prezz tal-vettura. L-attur ippreżenta wkoll

[7] *A fol.* 35 sa 54, 55 sa 69 u 70.
[8] *A fol.* 88 sa 242, 243 sa 251 u 252 sa 256.
[9] *A fol.* 75 u 76.
[10] *A fol.* 77 u 78.
[11] *A fol.* 13.
[12] *A fol.* 14 sa 15.

kopja tal-irċevuta tal-ħlas għar-reġistrazzjoni tal-vettura fis-somma ta' €210[13] u tal-irċevuta tal-liċenza tal-vettura[14], fis-somma ta' €125.00, kopja ta' rċevuta tal-*premium* tal-assigurazzjoni tal-vettura datata 27 ta' April, 2016 fis-somma ta' €1,400.81[15] u kopja ta' rċevuta oħra tal-*premium* tal-assigurazzjoni tal-vettura datata 3 ta' April, 2017[16] fis-somma ta' €1,299.02, għall-*premium* komplessiv ta' €2,699.83, kopja tal-irċevuta tal-ħlas lill-konsenjatarju tal-vettura Randolph Cauchi fis-somma ta' €1,982.40[17] u kopja tal-irċevuta tal-ispejjeż taċ-ċedola ta' depożitu[18] fis-somma ta' €57.20.

*Ir-rapport tal-Espert Tekniku*

Fir-rapport tiegħu l-Espert Tekniku John Sciberras[19], abbażi tad-dokumentazzjoni li eżamina, seta' jikkonstata li diversi partijiet mill-vettura tal-attur ġew mibdula, liema partijiet kienu jinkludu n-*nitrogen sensor,* id-*diesel particulate filter (DPF),* il-*powertrian control module (PCM),* kif ukoll ġie aġġornat is-*software* tal-PCM għall-aħħar verżjoni li kienet disponibbli. L-Espert Tekniku jgħid li kien hemm id-dewmien fit-testijiet li saru mis-soċjetà konvenuta biex tipprova ssib minn fejn kienu ġejjin il-problemi

[13] *A fol.* 13.
[14] *A fol.* 270.
[15] *A fol.* 70.
[16] A *fol.* 270.
[17] *A fol.* 271.
[18] *A fol.* 274.
[19] *A fol.* 259 sa 265.

meta bdew jixegħlu s-sinjali tal-*engine warning* u tar-*restricted performance,* liema sinjali jaffetwaw drastikament il-veloċità tal-vettura li tista' tinżel minn 70 m.f.s għal 30 m.f.s.

L-Espert Tekniku John Sciberras wasal għal dawn il-konklużjonijiet fir-rapport tiegħu:

> "Għalkemm is-sintomi li għandha l-vettura mhumiex ġodda u jidher li ġraw fuq vetturi simili, u għalkemm inbidlu diversi partijiet tal-vettura, xorta waħda ma nstabitx soluzzjoni. Il-vettura bil-problemi li għandha ma tistax tiġi misjuqa.
>
> Is-soċjetà intimata kellha tagħti aktar dettalji għaliex waslet biex tavża lir-rikorrent li ma kienux f'posizzjoni biex jidentifikaw x'kienet il-problema.
>
> - Għalkemm wieħed jifhem li vettura ġdida tal-marka 'Range Rover Evoque Estate' hija vettura tal-ogħla kwalità u mgħammra b'teknoloġija sofistikata, xorta waħda jibqa' il-fatt li dejjem huwa possibbli li tiżviluppa xi forma ta' ħsara. Vetturi ta' dan it-tip għandhom sistemi komputerizzati li jirrikjedu apparat speċjali biex wieħed jagħmel *diagnosis* tal-problemi.
>
> - Jidher li għalkemm is-soċjetà intimata għamlet diversi testijiet fuq il-vettura u sar bdil ta' numru ta' aċċessorji tal-vettura, dawn ma wasslux biex il-problema tiġi solvuta.
>
> Wara li eżaminajt dak kollu li jien kelli aċċess għalih jidher ċar li l-problema li l-vettura għandha, jiġifieri li kif tiġi biex tinstaq tixgħel is-sinjal tal-*engine warning* kif ukoll dak ta' *restricted performance*, baqgħu ma ġewx solvuti u l-vettura ma tistax tinstaq f'din il-kundizzjoni."

## Kunsiderazzjonijiet legali

Fl-ewwel lok għandu jiġi rrilevat li għalkemm is-soċjetà konvenuta hija kontumaci, dan ma jfissirx li din hi xi forma ta' ammissjoni. Illi l-istitut tal-kontumacja ma jfissirx abbandun tal-kontestazzjoni. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jagħtix lok ghall-preżunzjoni tal-abbandun tal-liti, għad-difett ta' eċċezzjonijiet leġittimi, jew għal adeżjoni għad-domanda. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut.[20] Ladarba l-kontumaċja ma tfissirx ammissjoni imma tfisser kontestazzjoni, l-attur xorta għandu jipprova t-talbiet tiegħu u l-premessi għalihom.[21]

Illi għaldaqstant fejn tissussisti l-kontumaċja bħal fil-kawża odjerna, għalkemm is-soċjetà konvenuta la rrispondiet għar-Rikors Maħluf u lanqas kienet preżenti għas-seduti, il-kawża xorta għandha titqies daqslikieku ġiet ikkontestata mis-soċjetà konvenuta.

## L-*actio redhibitoria*

L-artikolu 1424 tal-Kodici Ċivili jipprovdi dan li ġej:

> "Il-bejjiegħ hu obbligat jagħmel tajjeb għad-difetti li ma jidhrux tal-ħaġa mibjugħa illi jagħmluha mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba, jew li

[20] **Giuseppe Wismayer *vs.* Giovanni Magro**, Q.K. 24.11.1934, Kollez. **Vol. XXIX, Pt. III, pġ. 35**.
[21] **Joseph Edmond *sive* Jesmond Mizzi *vs.* Brian u Jeffrey J. Mizzi *nomine***, Q.A., 27.03. 1996.

> jnaqqsu daqshekk il-valur tagħha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz iżgħar, li kieku kien jaf bihom."

L-artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili jagħti lix-xerrej l-għażla ta' waħda minn żewġ azzjonijiet f'każ li jkun hemm difetti moħbija fil-ħaġa mixtrija: jew li jħoll il-kuntratt u jitlob ir-radd lura tal-prezz imħallas (l-*actio redhibitoria*), jew li jżomm il-ħaġa mixtrija imma jitlob lura l-biċċa mill-prezz imħallas (l-*actio aestimatoria*).[22] L-azzjoni istitwita mill-attur permezz tal-kawża odjerna hija l-*actio redhibitoria* fejn abbażi tal-artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili l-attur irid li jħoll il-kuntratt u li bħala xerrej jagħti lura l-ħaġa u qiegħed jitlob ir-radd lura tal-prezz imħallas minnu.

Illi biex l-attur jirnexxi fl-azzjoni redibitorja, huwa meħtieġ li jipprova dawn l-elementi bażiċi[23]:

(i) id-difett fl-oġġett mixtri u fuq kollox li dan id-difett kien moħbi;
(ii) li dan id-difett kien wieħed serju u ta' ċerta gravità;
(iii) li kien pre-eżistenti għall-bejgħ[24] jew eżistenti fil-mument tal-bejgħ.[25]

F'dan il-każ il-vettura li xtara l-attur kienet ġdida għalhekk dan bir-raġun ippretenda li din kellha taħdem kif suppost u barra minn hekk ma kellu

[22] **Dr Martin Spillane et vs. Simon James Joseph Gatt**, P.A., 04.08.2016.
[23] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Abdilla vs. Auto Sales Limited**, P.A., 10.04.2014.
[24] **Vol. XXXVII P II p. 742**.
[25] **Vol. XLI P II p. 1198; Emanuel Fava *vs.* Profs. John Mamo et nomine**, P.A., 03.10.2003; **Helen Micallef *vs.* Godfrey Debattista et**, P.A., 27.10.2005.

bżonn l-għajnuna ta' ebda espert tekniku biex qabel il-konsenja jiżgura li din ser tahdem kif suppost u li ma jkun fiha ebda difetti moħbija. L-attur qatt ma seta' jobsor li vettura ġdida fjamanta ta' ċerta kwalità bħal dik li xtara u li ġiet deskritta mill-Espert Tekniku bħala vettura magħrufa għall-prestazjonijiet avvanzati tagħha, seta' qatt ikollha difetti serji u ta' ċerta gravità li t-tekniċi tas-soċjetà konvenuta ma setgħux isibu tarf tagħhom, tant li f'temp ta' ftit ġranet jekk mhux sigħat, l-attur kellu jdaħħalha fil-garaxx tal-aġent għat-tiswija. L-attur spiċċa fis-sitwazzjoni anomala u skomda li wara li nefaq dawk il-flus kollha fil-vettura ġdida tiegħu, din spiċċat għamlet aktar żmien ġol-garaxx tal-aġent għat-tiswija milli għamlet fit-triq biex titgawda minn sidha.

Illi kienet x'kienet il-vera kawża tad-difetti moħbija fil-vettura tal-attur, anki jekk għas-saħħa tal-argument id-difett kien fis-sinjali tal-*engine warning* u tar-*restricted performance* infushom li jibdew jixegħlu ta' xejn u u jagħtu *false alarms*, li ma jidhirx li kien il-każ:

> "il-fatt illi qegħdin jingħataw *'false alarms'* ma jista' joffru l-ebda serħan tal-moħħ lis-sewwieq tal-vettura in kwistjoni u dan għar-raġunijiet ovvji. Jekk wieħed iffettillu jinjora dik l-*'alarm'* għaliex jaħseb li hija *'false alarm'* jista' ukoll jiġri li ma tkun *'false alarm'* xejn, is-sewwieq jibqa' isuq il-vettura u dan jista' iwassal għall-konsegwenzi drastiċi jew mhux mixtieqa."[26]

Tqis illi fil-każ odjern jirriżulta mill-provi prodotti li s-soċjetà konvenuta ma jidhirx li kienet taf bid-difetti moħbija fil-vettura inkwistjoni fil-mument

---

[26] **Francis Mercieca et. vs. Ucim Holding Co Ltd**, P.A., 03.06.2008.

meta sar il-bejgħ u għalhekk ma jistax jingħad li kien hemm *mala fede* minnaħa tagħha. Madankollu s-soċjetà konvenuta permezz tal-impjegati tagħha, partikolarment il-*General Manager* tagħha Henry Scicluna, fiċ-ċirkostanzi naqset milli tassumi r-responsabbiltajiet tagħha taħt il-liġi billi qagħdet tiddilunga bit-testijiet, tiswijiet u tibdil ta' partijiet mill-vettura, li ma wassluhiex biex issib tarf tal-problema ta' x'kienet il-vera kawża tad-difetti fil-vettura li xtara l-attur. Meta kien evidenti li l-vettura ma setgħetx tissewwa, is-soċjetà konvenuta rrifjutat li tieħu l-karozza lura u ppretendiet li l-attur ifittex lill-*manufacturer* tal-vettura u mhux lilha bħala l-aġent li kienet biegħet il-vettura ġdida fjamanta lill-attur.

Il-Qorti għaldaqstant taqbel mal-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku li jeżistu raġunijiet biżżejjed biex tqis mhux biss li l-vettura inkwistjoni kienet affettwata minn difett, imma li d-difett kien wieħed moħbi. F'dan il-każ id-difett kien moħbi sal-punt li baqa' ma ġiex individwat anke wara diversi spezzjonijiet tekniċi, tiswijiet varji u tibdil ta' *parts* li saru mit-tekniċi tas-soċjetà konvenuta, liema difett ma kienx riskontrabbili mill-attur fil-ħin tal-bejgħ b'diliġenza ordinarja *ai termini* tal-artikolu 1425 tal-Kodiċi Ċivili.

Illi l-liġi tisħaq illi mhux biss l-oġġett mixtri jkollu difett u li dan ikun moħbi, imma d-difett irid ikun wieħed serju u ta' ċerta gravità u li jagħmel l-oġġett mhux tajjeb għall-użu li għalih kien maħsub. Id-difett irid ikun tant gravi li kieku l-attur kien jaf b'tali difett huwa ma kienx ser jixtri l-oġġett.[27] L-

[27] Ara s-sentenzi fl-ismijiet **Mario Debono et vs. Anthony Portelli et**, P.A., 16.10.1999) u **Av. Dr Anton Felice et *vs.* Aplan Limited**, App 12.01.2005.

Espert Tekniku John Sciberras fir-rapport tiegħu jikkonkludi li għalkemm is-soċjetà konvenuta għamlet diversi testijiet fuq il-vettura u sar tibdil ta' għadd ta' aċċessorji tal-vettura, dawn ma wasslux biex il-problema tiġi solvuta u li jidher ċar li l-problemi li għandha l-vettura, li kif tiġi biex tinstaq jixegħlu s-sinjali tal-*engine warning* tar-*restricted performance*, baqgħu ma ġewx solvuti u l-vettura ma tistax tinstaq f'din il-kundizzjoni. Il-Qorti tqis illi dan id-difett huwa wieħed serju u gravi u fi kwalunkwe każ ma tarax għalfejn għandha b'xi mod tbiddel jew tvarja l-konklużjonijiet tal-Espert Tekniku. Din il-Qorti taqbel perfettament mar-rapport u l-konklużjonijiet tal-Espert Tekniku. Tqis illi l-attur ipprova sal-grad probatorju rikjest mil-liġi li l-vettura inkwistjoni fil-mument li xtraha ġdida, kellha difetti moħbija tant serji li lanqas biss setgħet tintuża.

**<u>Danni pretiżi mill-attur</u>**

L-attur mhux biss qiegħed jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt tal-bejgħ, billi jrodd lura l-oġġett mixtri u jintradd lilu l-prezz imħallas minnu, iżda qed jitlob ukoll id-danni.

Skont l-artikolu 1429 tal-Kap. 16:

> "(1) Jekk il-bejjiegħ kien jaf bid-difetti tal-ħaġa mibjugħa, hu obbligat mhux biss li jrodd il-prezz li jkun irċieva iżda wkoll li jħallas id-danni lix-xerrej.

(2) Jekk il-bejjiegħ ma kienx jaf bid-difetti tal-ħaġa, hu obbligat biss irodd il-prezz u jħallas lix-xerrej l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-bejgħ."

L-attur, apparti r-rifużjoni tal-prezz imħallas minnu fis-somma ta' €44,500, qiegħed jitlob bħala danni s-somma ta' €210 mħallsa minnu għar-reġistrazzjoni u liċenza tal-vettura, kif ukoll l-ispejjeż inkorsi minnu inkonnessjoni mad-depożitu tal-vettura taħt l-awtorità tal-Qorti u għall-assigurazzjoni tal-istess vettura fil-mori ta' dawn il-proċeduri.

Tqis illi l-ispiża ta' €210 għar-reġistrazzjoni u liċenza tal-vettura mħallsa direttament mill-attur lis-soċjetà konvenuta mal-bejgħ tal-vettura[28], hija spiża li għandha x'taqsam mal-bejgħ għall-finijiet tal-artikolu 1429(2) tal-Kap. 16 u li għalhekk għandha tiġi rifuża mis-soċjetà konvenuta lill-attur.

Illi t-talba tal-attur għar-rifużjoni tal-ispejjeż inkorsi minnu inkonnessjoni mad-depożitu tal-vettura taħt l-awtorità tal-Qorti fis-somma ta' €1,982.40[29], għandha wkoll tiġi milqugħa peress li din l-ispiża ġiet inkorsa mill-attur minħabba l-aġir irresponsabbli tas-soċjetà konvenuta li ma aċċettatx li tieħu lura l-vettura u tirrifondi l-prezz tagħha lill-attur, li kien kostrett li jintavola dawn il-proċeduri u li jiddepożita l-vettura taħt l-awtorità tal-Qorti.

[28] *A fol.* 13.
[29] *A fol.* 271.

Illi wara li sar id-depożitu tal-vettura, l-attur ma kellu l-ebda obbligu li l-vettura jkollha liċenza taċ-ċirkolazzjoni u li tkun ukoll koperta b'polza tal-assigurazzjoni, stante li bid-depożitu l-attur kien qed "jeżimi ruħu minn kull responsabbilità" u għalhekk kien liberu li ma jibqax iħallas l-assigurazzjoni u liċenza taċ-ċirkolazzjoni.[30] L-attur ma jistax jitlob ir-rifużjoni ta' spejjeż li ma kienx obbligat li jagħmel. Għaldaqstant it-talba għar-rifużjoni tal-ħlas tal-liċenza u tal-*premium* tal-assigurazzjoni fis-somma ta' €1,400.81 li kien sar kontestwalment mal-bejgħ tal-vettura[31], għandha tiġi milqugħa, filwaqt li t-talba għar-rifużjoni tal-ħlas tal-liċenza u tal-*premium* tal-assigurazzjoni li sar fit-3 ta' Marzu, 2017[32] u ċjoè wara li l-vettura kienet ġiet iddepożitata taħt l-awtorità tal-Qorti fl-1 ta' Novembru, 2016[33], m'għandhiex tiġi milqugħa.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**(1) Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara li jeżistu difetti moħbija u latenti fil-vettura Range Rover Evoque Estate bin-numru tar-reġistrazzjoni CCE-787;**

[30] **Carmelo Abdilla vs. Auto Sales Limited**, P.A., 10.04.2014.
[31] *A fol.* 70.
[32] *A fol.* 270.
[33] *A fol.* 272.

**(2) Tilqa' t-tieni talba u tordna konsegwentement ir-rexxissjoni tal-kuntratt tal-bejgħ tal-vettura mis-soċjetà konvenuta lill-attur;**

**(3) Tilqa' t-tielet talba u tordna lis-soċjetà konvenuta Muscat Motors Limited tieħu lura l-vettura Range Rover Evoque Estate bin-numru tar-reġistrazzjoni CCE-787 u tirrifondi lill-attur is-somma ta' erbgħa u erbgħin elf u ħames mitt Euro (€44,500) flimkien mas-somma ta' mitejn u għaxar Euro (€210.00) mħallsa mill-attur għar-reġistrazzjoni u liċenza tal-vettura;**

**(4) Tilqa' wkoll ir-raba' talba attriċi u tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur l-ispejjeż inkorsi minnu fil-ħlas lill-kunsinnatarju tal-vettura fis-somma ta' elf, disa' mija u tnejn u tmenin Euro u erbgħin ċenteżmu (€1,982.40), l-ispejjeż taċ-ċedola ta' depożitu fis-somma ta' sebgħa u ħamsin Euro u għoxrin ċenteżmu (€57.20) u l-ispejjeż tal-assigurazzjoni tal-istess vettura fis-somma ta' elf, erba' mitt Euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€1,400.81);**

**(5) Bl-ispejjeż u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dawn il-proċeduri sad-data tal-ħlas effettiv kontra s-soċjetà konvenuta Muscat Motors Limited.**

Moqrija.